

Brussell, 14 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14021/20

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0135(CNS)
2020/0135(CNS)

VOTE 69
INF 221
PUBLIC 86

NOTA

Suġġett:

- Riżultat tal-votazzjoni
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- Eżitu tal-proċedura bil-miktub mitmuma fl-14 ta' Diċembru 2020

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġiżlattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

ST 10046/20 + REV 1 (bg, cs, da, es, et, fr, lv, mt, nl, pl, pt, sl u sv)
+ REV 1 COR 1 (nl)
+ REV 2 (de)
+ REV 3 (el)
+ REV 6 (ro)

data tal-adozzjoni mill-Coreper tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub
11.12.2020

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



General Secretariat of the Council

Institution: Council of the European Union
 Session:
 Configuration:
 Item: 2018/0135(CNS) and 2020/0135(CNS) (Document: 10046/20)
 Voting Rule: unanimity
 Subject: Council Decision on the system of own resources of the European Union and repealing Decision 2014/335/EU, Euratom

Vote	Members		
Yes	27		
No	0		
Abstain	0		
Not participating	0		
Total	27		

Sitting date: 14/12/2020
 Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,56		LIETUVA	0,62	
БЪЛГАРИЯ	1,56		LUXEMBOURG	0,14	
ČESKÁ REPUBLIKA	2,35		MAGYARORSZÁG	2,18	
DANMARK	1,30		MALTA	0,11	
DEUTSCHLAND	18,54		NEDERLAND	3,89	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	1,98	
ÉIRE/IRELAND	1,10		POLSKA	8,49	
ΕΛΛΑΔΑ	2,40		PORTUGAL	2,30	
ESPAÑA	10,49		ROMÂNIA	4,34	
FRANCE	14,98		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,91		SLOVENSKO	1,22	
ITALIA	13,65		SUOMI/FINLAND	1,23	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,29	
LATVIJA	0,43				

* Abstentions do not prevent unanimity being reached
 For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands iqisu n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, id-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, ir-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u r-Regolament li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) bħala pakkett. Huwa ta' importanza kbira li jiġi rrispettat il-bilanċ delikat tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020 u li jiġi żgurat li t-testi leġiżlattivi jkunu konformi ma' dawn il-konklużjonijiet. Bħalissa, ir-regolament dwar l-RRF għadu fil-fażi tat-trilogu u għalhekk l-eżitu finali mhuwiex magħruf.

In-Netherlands jilqgħu l-ftehim dwar id-Deċiżjoni l-ġdida tal-Kunsill (UE, Euratom) dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ORD). Fl-ispirtu tal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera u biex tkun tista' ssejtni introduzzjoni rapida tal-fondi mmirati biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, in-Netherlands ser jivvotaw favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibdeu il-proċeduri nazzjonali tagħhom, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, meħtieġa għad-dħul fis-sejtni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Minħabba l-ħtieġa li jiġi vvalutat il-pakkett sħiħ indikat hawn fuq, inkluż bħala rekwiżit biex tkun tista' tingħata l-approvazzjoni parlamentari għall-ORD, il-gvern Netherlandiż ser jgħaddi l-ORD lill-parlament biss wara li t-trilogi dwar ir-regolament propost dwar l-RRF ikunu wasslu għal eżitu sodisfaċenti f'konformità sħiħa mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju. Sadanittant, il-gvern Netherlandiż qed jiffinalizza l-ħidma preparatorja meħtieġa li ser tippermetti l-bidu tal-proċedura ta' approvazzjoni parlamentari nazzjonali, meħtieġa mill-Kostituzzjoni Netherlandiża.

Dikjarazzjoni mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja

L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jinnotaw li t-trilogi rigward ir-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)¹ għadhom għaddejjin. Il-koleġiżlaturi ma rnexxielhomx jaqblu dwar diversi kwistjonijiet politiċi, li ġew indirizzati espliċitament fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew f'Lulju 2020 u jibqgħu prijorità ewlenija għall-Istati Baltiċi. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, l-allokazzjoni ta' EUR 1 384 miljun mill-pakkett ġenerali tal-parti tat-trasport tal-FNE għat-tlestija ta' konnessjonijiet ferrovjarji transkonfinali kbar neqsin bejn il-pajjiżi tal-koeżjoni biex jiġi appoġġat il-funzjonament tas-Suq Uniku. Skont il-ftehim, għandhom japplikaw ir-regoli ta' kofinanzjament tat-trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE.

L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jenfasizzaw li l-kompromess dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jifforma parti integrali mill-pakkett tal-QFP. Ir-rispett sħiħ tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP 2021-2027 minn Lulju 2020 fir-rigward tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huwa strumentali għas-suċċess tal-proċessi ta' ratifika u approvazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji fil-parlamenti nazzjonali tal-Istati Baltiċi.

Rail Baltica huwa proġett emblematicu tal-UE f'żona ġdida, li joħloq kuritur ferrovjarju ġdid fit-tliet Stati Membri, li jgħaqqadhom man-network tal-gejgħ Ewropew u jnaqqas id-distakk fl-infrastruttura. Peress li bħalissa l-Istati Baltiċi m'għandhomx konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja ma' Stati Membri oħra tal-UE jew bejniethom, Rail Baltica jipprovdi spinta ekonomika notevoli għar-reġjun kollu u jtejjeb il-konnettività tat-trasport bejn il-pajjiżi tal-koeżjoni. Il-proġett huwa essenzjali biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE billi jhegġegħ il-bidla modali mit-toroq għal ferrovija elettrifikata, u b'hekk jgħin biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mit-trasport. Il-baġit allokat huwa fundamentali għat-tlestija fil-ħin ta' Rail Baltica, li bħalissa jinsab fi żvilupp attiv bil-għan li l-operazzjonijiet jibdew sal-2026.

Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-importanza tat-tlestija ta' konnessjonijiet ferrovjarji transkonfinali kbar li għadhom neqsin, bħal Rail Baltica, peress li jrawmu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima. L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jistiednu lill-Parlament Ewropew biex ukoll jieħu din il-pożizzjoni u jappoġġa d-dispożizzjoni dwar l-allokazzjoni kif maqbula mill-Kunsill Ewropew.

¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014; 2018/0228 (COD)